

Paġna ewlenija>Proċeduri tal-qorti>Kawżi ċivili>Ipproċessar onlajn ta' każijiet u komunikazzjoni elettronika mal-qrati  
Ipproċessar onlajn ta' każijiet u komunikazzjoni elettronika mal-qrati

Slovakkja

**1 Huwa possibbli li jinbdew proċeduri fil-qorti permezz tal-internet?**

Il-proċeduri tal-qorti jistgħu jinbdew permezz tal-internet, jew, b'mod aktar preċiż, it-talbiet u sottomissjonijiet oħrajn jistgħu jiġu ppreżentati b'mod elettroniku, diment li jkollhom firma elettronika ċertifikata.

**2 Jekk proċedura bħal din teżisti, għal-liema tipi ta' każijiet hija disponibbli? Hemm proċeduri li huma disponibbli biss permezz tal-internet?**

Is-sottomissjoni elettronika hija disponibbli għat-tipi kollha ta' talbiet u għas-sottomissjonijiet kollha. Jekk sottomissjoni f'kawża ssir f'forma elettronika mingħajr awtorizzazzjoni (firma elettronika ċertifikata), sussegwentement hija trid tiġi kkonsenjata f'forma stampata jew f'forma elettronika b'firma elettronika ċertifikata fi żmien 10 ijiem, inkella l-qorti tinjora s-sottomissjoni. Il-qorti ma tistedinx espliċitament lill-preżentatur sabiex jagħmel konsenja sussegwenti. Fi kwistjonijiet mhux kontradittorji, sottomissjoni tista' ssir lil kwalunkwe qorti distrettwali, li hija obligata tirreġistra s-sottomissjoni fir-reġistru tagħha u tibgħatha mingħajr dewmien lill-qorti li għandha ġurisdizzjoni. Tali sottomissjoni għandha l-istess effetti daqs li kieku kienet ippreżentata lill-qorti li għandha ġurisdizzjoni.

**3 Din il-faċilità hija disponibbli f'kull ħin (jiġifieri 24 siegħa kuljum, sebat ijiem fil-ġimgħa) jew f'ħinijiet speċifiċi biss? Jekk hija disponibbli f'ħinijiet speċifiċi biss, x'inhuma dawn il-ħinijiet?**

Il-ħin kollu.

**4 Id-dettalji tat-talba għandhom ikunu pprovduti f'xi tip ta' format partikolari?**

Ma huwa meħtieġ ebda format speċifiku; it-talbiet jiġu ġudikati skont il-kontenut tagħhom. Jekk talba ma jkollhiex dettall partikolari, il-qorti tiddeċiedi li titlob lill-parti tikkoreġi jew tissupplimenta t-talba tagħha f'perjodu li ma għandux ikun ta' inqas minn 10 ijiem.

**5 It-trasferiment u ż-żamma tad-dejta kif isiru b'mod fiż-żgur?**

Il-kundizzjonijiet għall-ħażna u t-trażmissjoni tad-data huma stabbiliti fl-Att Nru 543/2005 dwar ir-regoli tal-ipproċessar u tal-uffiċċju għall-qrati distrettwali, il-qrati reġjonali, il-Qorti Speċjali u l-qrati militari, kif emendati (záč. ċ. 543/2005 Z. z. v znení neskorších żmien doplnení – Spravovacom a kancelárskom poriadku pre okresné súdy, krajské súdy, Špeciálny súd a vojenské súdy) (minn hawn 'il quddiem "PaOR")

a) Il-proċedura tal-aċċettazzjoni tas-sottomissjonijiet permezz tal-internet b'firma elettronika ċertifikata hija rregolata mill-Att Nru 215/2002 dwar il-firma elettronika u li jemenda ċerti atti, kif emendat mill-Att Nru 679/2004 (záč. ċ. 215/2002 Z. z. o elektronickom podpise a o zmene a doplnení niektorých zákonov v znení zákona ċ. 679/2004 Z. z.) u mir-Regolament tal-NBU Nru 542/2002 dwar il-metodu u l-proċess tal-użu ta' firem elettroniċi fir-relazzjonijiet amministrattivi u kummerċjali (vyhláška NBÚ ċ. 542/2002 z. z. o spôsobe a postupe používania elektronického podpisu v obchodnom). Sottomissjoni riċevuta b'dan il-mod tintbagħat lill-kamra tal-posta, li tipproċedi ulterjorment skont it-Taqsima 129 tal-PaOR. Kamra tal-posta fil-qorti tuża applikazzjoni ta' softwer sabiex iżżomm rekord tas-sottomissjonijiet;

b) Is-sottomissjonijiet riċevuti mingħajr firma elettronika ċertifikata jintbagħtu minnufih lill-kamra tal-posta sabiex din tkun tista' tipproċedi skont it-Taqsima 129 tal-PaOR.

**6 Huwa meħtieġ li tintuża xi tip ta' firma elettronika u/jew sistema li biha jiġi rreġistrat il-ħin?**

Sottomissjoni li ssir permezz tal-internet mingħajr firma elettronika ċertifikata sussegwentement trid tiġi kkonsenjata f'forma stampata jew f'forma elettronika b'firma elettronika ċertifikata fi żmien 10 ijiem, inkella l-qorti tinjoraha. Jekk sottomissjoni jkollha firma elettronika ċertifikata, din ma jkollhiex bżonn tiġi ssupplimentata. Il-ħin eżatt tal-kunsinna tas-sottomissjoni jiġi nnotat u rreġistrat.

**7 Għandhom jiġihallu xi tariffi tal-qrati? Jekk iva, kif jistgħu jiġihallu u hemm xi differenzi bejnhom u bejn it-tariffi għall-proċeduri mhux elettroniċi?**

Iva, it-tariffi tal-qorti huma pagabbli, sabiex issir kopja tat-talba u tal-appendiċijiet tagħha li jikkostitwixxu l-fajl tal-qorti u kopja tat-talba u tal-appendiċijiet tagħha li jiġu kkonsenjati lill-partijiet jekk it-talba tkun ġiet ippreżentata b'mezzi elettroniċi u ffirmata b'firma elettronika ċertifikata skont l-Att Nru 215/2002 dwar il-firma elettronika u li jemenda ċerti atti, kif emendat mill-Att Nru 679/2004 u Regolament tal-NBU Nru 542/2002 dwar il-metodu u l-proċess tal-użu ta' firem elettroniċi fir-relazzjonijiet amministrattivi u kummerċjali, ta' EUR 0,1 għal kull paġna, iżda mill-inqas EUR 10 għal kull sottomissjoni li tikkostitwixxi talba jew rikors għall-bidu tal-proċedimenti, u l-appendiċijiet tiegħu, u mill-inqas EUR 3 għas-sottomissjonijiet l-oħrajn kollha u l-appendiċijiet tagħhom (l-entrata 20a tal-Anness għall-Att Nru 71/1992, dwar it-tariffi tal-qorti, kif emendat (záč. ċ. 71/1992 Zb. o súdnych poplatkoch v znení neskorších żmien a doplnení)).

**8 Huwa possibbli li wieħed jirtira talba li l-proċeduri dwarha jkun nbdew permezz tal-internet?**

Iva, kull sottomissjoni tista' tiġi rtirata, irrISPETTIVAMENT mill-metodu li permezz tiegħu ġiet ippreżentata – irtirar ta' talba – parzjalment jew b'mod sħiħ.

**9 Jekk ir-rikorrent jibda proċeduri permezz tal-internet, huwa possibbli u/jew obbligatorju li l-intimat jirrispondi permezz tal-internet ukoll?**

Il-konvenut għandu l-għażla, iżda mhux obligat li jużaha.

**10 Fir-rigward tal-proċedura elettronika, x'jiġri jekk l-intimat jirrispondi għat-talba?**

Il-proċedura applikabbli għas-sottomissjonijiet elettroniċi hija stabbilita mill-Att Nru 543/2005, kif emendat, dwar ir-regoli tal-ipproċessar u tal-uffiċċju għall-qrati distrettwali, il-qrati reġjonali, il-Qorti Speċjali u l-qrati militari.

**11 Fir-rigward tal-proċedura elettronika, x'jiġri jekk l-intimat ma jirrispondix għat-talba?**

Il-proċedura applikabbli għas-sottomissjonijiet elettroniċi hija stabbilita mill-Att Nru 543/2005, kif emendat, dwar ir-regoli tal-ipproċessar u tal-uffiċċju għall-qrati distrettwali, il-qrati reġjonali, il-Qorti Speċjali u l-qrati militari.

**12 Huwa possibbli li wieħed iressaq dokumenti quddiem il-qorti b'mod elettroniku u jekk dan huwa possibbli f'liema proċeduri u b'liema kundizzjonijiet jista' jsir?**

L-evidenza tikkostitwixxi kwalunkwe u kull mezz li permezz tiegħu jista' jiġi aċċertat l-istat tal-kwistjoni, mezz ta' prova jista' jkun kwalunkwe mezz li permezz tiegħu jista' jiġi aċċertat l-istat tal-kwistjoni. Huma permessi fit-tipi kollha ta' proċedura. Id-dokumenti jistgħu jiġu ppreżentati lil qorti soġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima 125 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (Civilný sporový poriadok).

**13 Id-dokumenti ġudizzjarji, b'mod partikolari s-sentenzi, jistgħu jiġu nnotifikati permezz tal-internet?**

Skont it-tifsira tal-Artikolu 105 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, id-dokumenti bil-miktub jistgħu jiġu nnotifikati permezz tal-internet. Dokument minn qorti jitqies bħala li għie kkonsenjat fil-ħames jum wara li jintbagħat, anki jekk dan ma jkunx inqara mid-destinatarju.

Madankollu, in-notifika permezz tal-internet hija eskluża fin-notifika tas-sentenzi, f'deċiżjonijiet oħrajn tal-qrati, fit-taħrika għall-proċedimenti u f'dokumenti oħrajn bil-miktub li għalihom hija prevista mil-liġi notifika personali. Sentenza tista' tiġi nnotifikata biss personalment; mhuwiex permess li n-notifika ssir permezz tal-internet.

#### **14 Id-deċiżjoniet ġudizzjarji jistgħu jingħataw b'mod elettroniku?**

Le. L-għoti ta' sentenza jsir bl-użu ta' teknoloġija tal-kompjuter u mudell bi stemma araldika statali stampata minn qabel tar-Repubblika Slovakkja u t-test li ġej: "Sentenza f'isem ir-Repubblika Slovakkja". Sentenza bil-miktub tiġi ffirmata mill-president tal-qorti speċjalizzata jew mill-imħallef li jisma' l-kawża waħdu.

#### **15 Jista' jsir appell permezz tal-internet u d-deċiżjoni li tittieħed fih tista' tiġi nnotifikata permezz tal-internet?**

Appell jista' jittressaq permezz tal-internet. Jekk appell jiġi ppreżentat f'forma elettronika mingħajr firma elettronika ċċertifikata, sussegwentement huwa jrid jiġi kkonsenjat f'forma stampata jew f'forma elettronika b'firma elettronika ċċertifikata fi żmien 10 ijiem. Jekk il-parti tonqos milli tagħmel dan, is-sottomissjoni tiġi injorata. Deċiżjoni dwar appell ma tistax issir permezz tal-internet; hija trid issir esklussivament f'forma stampata.

#### **16 Jistgħu jinbdew proċeduri ta' eżekuzzjoni permezz tal-internet?**

Rikors għall-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni jista' jiġi ppreżentat permezz tal-internet. Jekk jiġi ppreżentat b'mod elettroniku mingħajr firma elettronika ċċertifikata, sussegwentement huwa jrid jiġi kkonsenjat f'forma stampata jew f'forma elettronika b'firma elettronika ċċertifikata fi żmien 10 ijiem. Jekk il-parti tonqos milli tagħmel dan, is-sottomissjoni tiġi injorata.

#### **17 Il-partijiet jew ir-rappreżentanti legali tagħhom jistgħu jikkonsultaw il-każijiet onlajn? Jekk iva, kif?**

Il-partijiet u r-rappreżentanti legali tagħhom jistgħu jikkonsultaw il-fajls tal-kawżi personalment biss, esklussivament fil-preżenza ta' membru tal-persunal tal-qorti.

Is-sit web tal-Ministeru tal-Ġustizzja tar-Repubblika Slovakkja (*Ministerstvo spravodlivosti Slovenskej republiky*) jiffaċilita t-tfittxijiet f'bażi ta' *data* ta' deċiżjonijiet tal-qrati. Kulħadd jista' jfittex u jikkonsulta d-deċiżjonijiet tal-qrati, billi jkun jista' jfittex deċiżjoni skont id-data tal-ħruġ, il-qorti emittenti, in-numru tal-fajl, il-forma tad-deċiżjoni, in-natura tad-deċiżjoni, il-qasam tar-regolamentazzjoni legali, id-dispożizzjonijiet statutorji applikati, u l-isem u l-kunjom tal-imħallef jew tal-uffiċjal ġudizzjarju li ħareġ id-deċiżjoni, jew billi jfittex skont il-kliem użat fid-deċiżjoni (l-hekk imsejjaħ test sħiħ).

L-aħħar aġġornament: 14/01/2019

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.